# Self-Advocacy

## Ħajjitna niddeċiduha aħna

il-pożizzjoni nazzjonali dwar is-*self-advocacy*
tal-persuni b'diżabilità intellettwali
u rapport tal-proċess ta' konsultazzjoni dwar
is-*self-advocacy* għal persuni b'diżabilità intellettwali

2006

Kummissjoni Nazzjonali
Persuni b'Diżabilità

## Werrej

*Daħla*

***L-Ewwel Taqsima***

1. Il-Pożizzjoni Nazzjonali dwar is-Self-Advocacy tal-Persuni b'Diżabilità Intellettwali

***It-Tieni Taqsima:***

Il-Proċess ta' Konsultazzjoni

2. Rapport ta' dak li qalu l-persuni b'diżabilità intellettwali
3. Rapport ta' dak li qalu l-membri tal-familji tal-persuni b'diżabilità intellettwali
4. Rapport ta' dak li qalu dawk li jaħdmu mal-persuni b'diżabilità intellettwali
5. Punti oħrajn
6. Rapport tas-seminar finali
7. Entitajiet li ħadu sehem

Pubblikazzjoni ta'
**Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità**
Ċentru Ħidma Soċjali, Istitut Vincenzo Bugeja, Santa Venera
Tel: 21 487 789 • Fax: 21 484 609
Textelefon: 21 446 536
Email: helpdesk@knpd.org
**www.knpd.org**

Pubblikat għall-ewwel darba f'Settembru 2006
© Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità, 2006

Dan il-ktieb qed jitqassam b'xejn bil-kundizzjoni li ma jistax jinbiegħ, kif ukoll li ma jsir fih ebda tibdil fil-forma jew fil-produzzjoni teknika tiegħu mingħajr il-permess bil-miktub tal-Pubblikaturi.

Edituri: AnneMarie Callus & Fred Bezzina

## Daħla

Il-proċess ta' konsultazzjoni dwar is-self-advocacy beda permezz ta' seminar li sar waqt il-Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilità 2005. Għal dan is-seminar kienu mistiedna dawk kollha li b'xi mod jew ieħor għandhom interess fil-qasam tal-persuni b'diżabilità intellettwali.

Imbagħad, matul l-ewwel sitt xhur ta' l-2006, saru ħames laqgħat ma' persuni b'diżabilità intellettwali, membri tal-familji tagħhom u dawk li jaħdmu f'dan is-settur. Il-laqgħat kienu mqassmin hekk:

1. Servizzi ta' Matul il-Jum
2. Servizzi Residenzjali
3. Skejjel
4. Għawdex
5. Għaqdiet Mhux Governattivi

F'kull laqgħa kien hemm preżentazzjoni qasira dwar x'inhi *self-advocacy* u wara kien hemm *workshops*, jiġifieri tliet gruppi differenti li fihom dawk preżenti setgħu jagħtu l-fehma tagħhom. Dawn il-workshops kienu:

- Għall-persuni b'diżabilità intellettwali
- Għall-membri tal-familji tagħhom
- Għal dawk li jaħdmu magħhom

Fit-tmiem ta' kull laqgħa kien hemm sessjoni plenarja li fiha kulħadd reġa' ltaqa' flimkien sabiex il-punti li ssemmew fil-gruppi jiġu diskussi flimkien.

L-aħħar seminar, li sar f'Settembru ta' l-2006, kien miftuħ għal kull min kien attenda l-laqgħat ta' qabel kif ukoll għal dawk kollha li huma interessati f'dan is-settur.

F'dan is-seminar kien hemm preżentazzjoni u diskussjoni dwar il-pożizzjoni nazzjonali, li tinsab fl-ewwel parti ta' dan ir-rapport. It-Tieni Taqsima tiġbor fiha dak li ntqal waqt il-laqgħat li saru matul is-sena, kemm fil-gruppi kif ukoll fis-sessjonijiet plenarji. Din il-parti tar-rapport hi maqsuma f'ħames taqsimiet:

- Dak li qalu l-persuni b'diżabilità intellettwali
- Dak li qalu l-membri tal-familji tagħhom
- Dak li qalu dawk li jaħdmu magħhom
- Punti oħrajn
- Reazzjonijiet li ġew ippreżentati waqt is-seminar finali u d-diskussjoni li saret.

Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità tirringrazzja lil kull min ħa sehem: persuni b'diżabilità intellettwali, ġenituri u membri oħra tal-familja, staff u persuni oħra li jaħdmu f'dan il-qasam.



Partijiet minn dan ir-rapport huma mmarkati b'din l-istampa. Din turi li dik il-parti tiġbor fiha l-aktar punti importanti ta' dik is-sezzjoni.

## 1. Il-Pożizzjoni Nazzjonali Dwar is-*Self-Advocacy* għal Persuni b'Diżabilità Intellettwali

Is-*self-advocacy* tfisser li l-persuni b'diżabilità intellettwali jkollhom sehem ewlieni fid-deċiżjonijiet kollha li jaffettwaw lil ħajjithom u li jagħmlu dan bis-sapport individwali li jkollhom bżonn.



### Dan hu dak li għandu jsir:

- hemm bżonn ta' aktar rispett għall-persuni b'diżabilità intellettwali bħala adulti;
- is-*self-advocacy* trid tkun mod kif il-persuni b'diżabilità intellettwali jgħixu ħajjithom;
- il-persuni b'diżabilità intellettwali jridu jsiru jafu dwar id-drittijiet u d-dmirijiet tagħhom;
- is-*self-advocacy* għandha tgħin biex persuna b'diżabilità intellettwali tieħu deċiżjonijiet għaliha nnifisha u għalhekk tkun awtonoma;
- fejn hemm bżonn, id-deċiżjonijiet għandhom jeħduhom il-persuni b'diżabilità intellettwali flimkien ma' membri tal-familji li jieħdu ħsiebhom u dawk li jaħdmu magħhom;
- is-sapport li jingħata għandu jkun skond il-bżonnijiet tal-persuna b'diżabilità intellettwali;
- il-persuni b'diżabilità għandhom bżonn ta' informazzjoni faċli biex taqra u ta' trasport aċċessibbli;
- il-leħen tal-persuni b'diżabilità intellettwali hu l-aktar wieħed importanti meta jkun hemm laqgħa ta' deċiżjoni dwar il-ħajja ta' kuljum tagħhom;
- biex isemmgħu leħinhom u jieħdu deċiżjonijiet, persuni b'diżabilità intellettwali għandhom bżonn taħriġ fis-*self-advocacy*;
- persuni oħra wkoll għandhom bżonn ta' taħriġ biex ikunu jafu kif għandhom jagħtu sapport fis-*self-advocacy*;
- għandu jkun hemm gruppi tas-*self-advocacy* fil-għaqdiet u s-servizzi kollha;
- tajjeb li nitgħallmu minn dak li qed isir f'pajjiżi oħra;
- l-akbar għan għandu jkun li l-persuni b'diżabilità intellettwali f'Malta jsemmgħu leħinhom u jieħdu deċiżjonijiet f'kull livell.

## 1.1 Il-Persuni b'Diżabilità Intellettwali bħala Adulti Differenti Minn Xulxin

***Il-persuni b'diżabilità intellettwali għandhom bżonn ta' aktar rispett bħala adulti u bħala individwi differenti.***

Fil-gruppi tagħhom waqt il-proċess ta' konsultazzjoni, huma wrew li jafu x'jixtiequ mill-ħajja. Huma jridu jingħataw iċ-ċans li jagħmlu affarijiet differenti, iżda fl-istess ħin iridu li jkun hemm sapport fejn hemm bżonn. Dan is-sapport irid ikun mogħti b'mod li jgħinhom ikomplu jikbru fil-ħsieb u jitgħallmu. Meta jingħata sapport li ma hemmx bżonn, dan aktar itellef milli jgħin.

Xi kultant ma jaqblux bejniethom f'dak li jogħġobhom u jdejjaqhom. Dan ifisser li l-opinjoni tagħhom hi importanti ħafna u li m'għandhomx ikunu trattati daqs li kieku huma kollha l-istess. Ifisser ukoll li huma m'għandhomx jiġu trattati qishom għadhom tfal, kif jiġri ħafna drabi.

## 1.2 Is-*Self-Advocacy* fil-Ħajja ta' Kuljum

***Is-*self-advocacy *mhix xi ħaġa li ssir biss waqt laqgħat apposta, imma hi mod kif il-persuni b'diżabilità intellettwali jgħixu ħajjithom.***

Jidher li kulħadd jaqbel li s-*self advocacy* hi importanti u hemm ukoll qbil li hu importanti li dak li qed nagħmlu naraw li qed nagħmluh sew u f'kull aspett tal-ħajja. Dan ifisser li l-persuni b'diżabilità intellettwali jiddeċiedu għalihom infushom fil-ħajja tal-familja, fil-komunità, fl-iskejjel, fiċ-ċentri ta' matul il-jum u servizzi oħra, fil-ħin liberu u f'kull aspett ieħor tal-ħajja tagħhom.

## 1.3 Drittijiet u Dmirijiet

***Il-persuni b'diżabilità intellettwali jsiru jafu dwar id-drittijiet u d-dmirijiet tagħhom billi jkollhom taħriġ kif jieħdu deċiżjonijiet, ikunu preparati għalihom u jkollhom esperjenzi fil-ħajja ta' kull jum biex jieħdu deċiżjonijiet.***

B'dan il-mod, huma jkunu jafu dwar dak li għandhom dritt għalih u anke dwar kif id-deċiżjonijiet li jieħdu jistgħu jaffettwaw lil ħaddieħor.

## 1.4 It-Trijalogu

***It-Trijalogu jfisser li d-deċiżjonijiet jittieħdu flimkien mill-persuni b'diżabilità intellettwali, membri tal-familja li jieħdu ħsiebhom, u dawk li jaħdmu magħhom u li jiġi deċiż is-sapport li se jingħata.***

Dan hu l-aħjar mod kif il-persuni b'diżabilità intellettwali jitkellmu ma' dawk kollha li huma involuti f'ħajjithom dwar x'jixtiequ jagħmlu u kif jistgħu jagħmluh. Kull deċiżjoni għandha tittieħed fuq bażi ta' trijalogu.

F'laqgħat bħal dawn, tajjeb li nirrispettaw lil xulxin u li niftakru li kulħadd uman. Iżda xi kultant ma jkunx hemm qbil bejn dawn in-nies. F'każijiet bħal dawn, l-agħar ħaġa li tista' tiġri hi li n-nies joqogħdu jakkużaw lil xulxin.

Fejn m'hemmx qbil għandu jsir dak li tixtieq il-persuna b'diżabilità intellettwali, sakemm m'hemmx xi periklu kbir. Huma għandhom ukoll jingħataw is-sapport biex jaħdmu fuq id-deċiżjoni li jkunu ħadu.

B'dan il-mod, inkunu nistgħu nagħrfu kif l-aħjar li naħdmu flimkien għall-ġid tal-persuni b'diżabilità intellettwali biex dawn ikunu jistgħu jitkellmu għalihom infushom u jieħdu deċiżjonijiet dwar ħajjithom huma stess.

## 1.5 Il-Bżonn ta' Sapport Tajjeb

***Ħafna drabi persuni b'diżabilità intellettwali jistgħu jieħdu deċiżjonijiet biss jekk ikollhom sapport minn ħaddieħor.***

Persuni differenti għandhom livelli ta' bżonnijiet differenti. Hemm dawk li huma kapaċi jitkellmu u jieħdu deċiżjonijiet mingħajr wisq għajnuna. Hemm dawk li jkollhom bżonn ħafna sapport.

Hu importanti li s-sapport li jingħata ma jkunx ftit wisq imma lanqas għandu jkun żejjed. Jekk jiġri dan, il-persuna ma tkunx tista' tikber fil-ħsieb u titgħallem kif tiddeċiedi.

Hu diffiċli imma mhux impossibbli li ssib il-bilanċ. Għalhekk importanti li nsibu mezzi li jagħtu riżultat kif il-persuna tesprimi lilha nnifisha.

Dan is-sapport ifisser li jkun hemm nies li lesti li jisimgħu dak li jgħidu l-persuni b'diżabilità intellettwali biex jaraw xi bżonnijiet għandhom u x'sapport hemm bżonn biex jiġu moqdija dawn il-bżonnijiet.

## 1.6 Sapport għal Persuni b'Diżabilità Intellettwali Severa

***Hemm modi differenti kif dawn il-persuni jistgħu jingħataw sapport. Persuni differenti jkollhom bżonn ta' sapport differenti, skond is-sitwazzjoni tagħhom.***

Il-persuni stess jistgħu jingħataw mezzi ta' komunikazzjoni alternattivi biex jieħdu deċiżjonijiet, anke jekk fuq affarijiet żgħar ta' kuljum. Dawn jinkludu sistemi ta' sinjali, l-użu ta' apparat apposta jew mezzi oħra li jkunu jridu jitgħallmu jużaw.

Jistgħu jitkellmu għalihom persuni oħra b'diżabilità intellettwali li jkollhom ħafna esperjenza tas-*self-advocacy*. Dawn jissejħu *peer advocates*.

Jistgħu ukoll jitkellmu għalihom nies li jirrappreżentaw l-interessi tal-persuni bħallikieku kienu tagħhom stess. Dawn in-nies jagħmlu dan ix-xogħol fuq bażi volontarja u jissejħu *citizen advocates*.

Anke l-ġenituri tagħhom jew membri tal-familja li jieħdu ħsiebhom u jafuhom tajjeb jistgħu jitkellmu għalihom.

## 1.7 Is-Self-Advocacy Twassal għall-Awtonomija

***L-awtonomija tfisser li, bħala adult, persuna tkun kapaċi tieħu deċiżjonijiet għaliha nnifisha u li jkollha ċ-ċans li tagħmel dan.***

Dan ma jfissirx li persuna tkun indipendenti għal kollox u qatt ma jkollha bżonn ta' ħaddieħor f'livelli differenti. Dan hu impossibbli u kulħadd jiġi bżonn ta' xi ħaddieħor fil-ħajja ta' kuljum, kemm min għandu diżabilità u anke min m'għandux.

L-awtonomija hi xi ħaġa li tiġi bil-mod u tista' tibda b'affarijiet żgħar, bħal, per eżempju, x'se tilbes, u tkompli f'affarijiet ikbar, bħal, per eżempju, li tiddeċiedi li tibda taħdem.

Biex persuna jkollha l-awtonomija, trid tipprattika. Għalhekk, persuni b'diżabilità intellettwali jrid ikollhom esperjenzi differenti. Xi kultant, il-persuni jkollhom bżonn sapport biex huma jippruvaw esperjenzi differenti. Dan ma jfissirx li jitpoġġew f'periklu, imma li jitgħallmu x'inhuma kapaċi jagħmlu u fejn għandhom bżonn l-għajnuna u anke li jitgħallmu mill-iżbalji li jagħmlu. Li jiddeċiedu huma meta hemm bżonn l-għajnuna u min se jagħtihielhom ukoll tfisser li huma għandhom l-awtonomija.

## 1.8 L-Inklużjoni fis-Soċjetà

***Il-persuni b'diżabilità intellettwali għandhom jitħalltu ma' persuni oħra fis-soċjetà, kemm dawk li għandhom diżabilità u kemm dawk li m'għandhomx. Is-soċjetà għandha dmir tara li dan isir.***

Kien hemm ħafna persuni li semmew il-bżonn li jagħmlu aktar ħbieb u li joħorġu aktar fil-komunità tagħhom. Dan jgħodd għal kull parti tas-soċjetà: l-iskejjel, il-postijiet tax-xogħol, il-postijiet ta' divertiment, il-ħwienet u l-postijiet li jagħtu servizzi, u postijiet oħra bħal knejjes, ċentri parrokkjali u kunsilli lokali.

## 1.9 L-Aċċessibilità

***Il-persuni b'diżabilità intellettwali għandhom dritt għal informazzjoni faċli biex taqra. Hemm ukoll persuni li għandhom bżonn ta' aċċessibilità fil-bini u fit-trasport. Mingħajr din l-aċċessibilità, huma ma jistgħux ikunu tassew inklużi.***

Ħafna drabi, persuni b'diżabilità intellettwali ma jkunux jafu x'hemm miktub f'dokumenti li huma importanti għalihom. Din l-informazzjoni tista' ssir aċċessibbli billi jkun hemm format faċli biex taqra. Din tkun miktuba bi kliem ħafif, sentenzi qosra u jkun fiha stampi li jispjegaw aħjar dak li jkun hemm miktub.

Diversi persuni b'diżabilità intellettwali għandhom ukoll diffikultajiet biex jimxu u għalihom l-aċċess fiżiku hu importanti ħafna. Barra minn hekk, ħafna persuni b'diżabilità intellettwali ma jużawx it-trasport pubbliku għal diversi raġunijiet. Għalhekk, li jkun hemm servizzi ta' trasport aċċessibbli li jaqdu l-bżonnijiet tagħhom hu importanti ħafna għal dawn il-persuni.

## 1.10 Laqgħat ta' Deċiżjoni Dwar il-Ħajja ta' Kuljum

***Leħen il-persuni b'diżabilità intellettwali għandu jinstema' kull meta jkunu se jittieħdu deċiżjonijiet li jkollhom effett fuq ħajjithom.***

Dawn jinkludu laqgħat dwar il-Programm Edukattiv Individwali fl-iskejjel, laqgħat dwar is-servizzi fiċ-ċentri ta' matul il-jum, fid-djar residenzjali u servizzi oħra, u laqgħat dwar id-dinja tax-xogħol. Jinkludu wkoll laqgħat dwar kif iqattgħu l-ħin liberu u l-aspetti l-oħra kollha tal-ħajja. Dawn it-tip ta' laqgħat joffru mod prattiku u ħaj kif il-persuni b'diżabilità intellettwali jiddeċiedu huma dwar ħajjithom.

## 1.11 Taħriġ Dwar is-*Self-Advocacy*

***Kemm il-persuni b'diżabilità intellettwali, kif ukoll dawk li jaqsmu ħajjithom magħhom għandhom bżonn ta' taħriġ dwar xi tfisser eżatt is-***self-advocacy ***u x'inhu s-sehem tagħhom.***

Dawn il-laqgħat għandhom isiru minn persuni b'diżabilità intellettwali, bis-sapport ta' persuni oħra fejn hemm bżonn. Hu importanti li dawn ta' l-aħħar ukoll ikollhom taħriġ sabiex ikunu jistgħu jagħtu sapport.

## 1.12 Il-Gruppi tas-*Self-Advocacy*

***Il-gruppi tas-***self-advocacy ***jagħtu taħriġ lill-persuni b'diżabilità intellettwali dwar kif jitkellmu għalihom infushom. Kull min jagħti servizz lil dawn il-persuni għandu jkollu grupp tas-***self-advocacy ***għax dak li jixtiequ dawn il-persuni jgħodd ħafna.***

Għall-bidu dawn għandhom jitmexxew minn nies li jafu jmexxu laqgħat. Iżda hu importanti ħafna li persuni b'diżabilità intellettwali jitħarrġu biex jibdew imexxu l-gruppi huma stess.

Għaqdiet li jaħdmu fil-qasam tal-persuni b'diżabilità intellettwali għandhom jagħtu l-eżempju huma dwar kif jagħtu leħen lil dawn il-persuni. Din hi l-qofol tal-ħidma ta' dawn l-għaqdiet.

Hu essenzjali li jkun hemm persuni b'diżabilità intellettwali fuq il-kumitat ta' l-għaqdiet. Jista' jkun hemm ukoll sottokumitat jew grupp ieħor għal dawn il-persuni.

Dak li jgħidu l-persuni f'dawn il-gruppi għandu jinstema' u ssir ħidma fuqu. Wara kollox is-servizzi u l-għaqdiet qegħdin hemm għall-persuni b'diżabilità intellettwali u mhux il-persuni qegħdin hemm għall-għaqdiet u s-servizzi.

## 1.13 Nitgħallmu minn Pajjiżi Oħra

***Is-*self-advocacy *għadu jibda f'Malta imma f'diversi pajjiżi oħra ilu stabbilit għal għexieren ta' snin. Ikun tajjeb li gruppi Maltin jagħmlu kuntatt ma' gruppi barranin sabiex jitgħallmu mingħandhom.***

F'diversi pajjiżi oħra nsibu li persuni b'diżabilità intellettwali jingħataw iċ-ċans li jsemmgħu leħinhom u jieħdu deċiżjonijiet dwar ħajjithom f'kull livell. Hemm gruppi tas-*self-advocacy* indipendenti, u oħrajn li huma marbuta ma' xi servizz jew għaqda mhux governattiva.

Hemm għaqdiet li huma mmexxija minn persuni b'diżabilità intellettwali, u oħrajn li huma mmexxija minnhom flimkien ma' persuni oħra. Dawn l-għaqdiet joffru servizzi differenti bħal sapport lil persuni b'diżabilità intellettwali fi problemi li jkollhom, jagħmlu dokumenti faċli biex taqra, jagħtu taħriġ fis-*self-advocacy* u ħafna servizzi oħra.

Hemm ukoll persuni b'diżabilità intellettwali li jagħtu sehemhom fuq livell ogħla, per eżempju fuq bordijiet tad-diretturi importanti (bħad-*Disability Rights Commission* fl-Ingilterra).

## 1.14 Is-*Self-Advocacy* f'Kull Livell u f'Kull Qasam tal-Ħajja

**Hu importanti li anke f'Malta nimxu pass pass biex il-persuni b'diżabilità intellettwali jsemmgħu leħinhom u jieħdu deċiżjonijiet f'kull livell.**

Diġà qed isir ħafna xogħol fis-*self-advocacy* f'Malta. Iżda hemm aktar xogħol li għad irid isir biex il-persuni b'diżabilità intellettwali jkunu membri sħaħ fis-soċjetà u jiddeċiedu huma dwar ħajjithom.

L-aktar ħaġa importanti tibqa' li nagħtu ċ-ċans u s-sapport lill-persuni b'diżabilità intellettwali biex jitkellmu għalihom infushom, li nagħtuhom l-esperjenza li jiddeċiedu huma u li nieħdu azzjoni fuq dak li jgħidu.

*It-Tieni Taqsima*
**Il-Proċess ta' Konsultazzjoni**

## 2. Rapport ta' dak li qalu l-persuni b'diżabilità intellettwali

Il-persuni b'diżabilità intellettwali li ħadu sehem f'dawn il-laqgħat ġew minn postijiet differenti. Kien hemm tfal u żgħażagħ li għadhom imorru l-iskola, kif ukoll adulti ta' etajiet differenti li jaħdmu, jew jattendu ċentru ta' matul il-jum. Kien hemm ukoll min joqgħod mal-familja tiegħu jew inkella f'dar residenzjali. Huma tkellmu dwar diversi aspetti ta' ħajjithom li huma jħossu li jistgħu jkunu aħjar.



**Il-Persuni b'Diżabilità Intellettwali qalu li jridu li :**

- in-nies ta' madwarhom jagħrfu li huma kapaċi jagħmlu affarijiet waħedhom, imma fl-istess ħin li jagħtuhom għajnuna u sapport fejn ikollhom bżonn;
- ikollhom xogħol jew li jkomplu jitgħallmu;
- jagħmlu attivitajiet differenti biex isiru kapaċi jagħmlu aktar affarijiet;
- l-istaff ikunu jafu kif għandhom jaħdmu magħhom;
- ikollhom opportunitajiet joħorġu, jitħalltu man-nies u jagħmlu ħbieb ġodda.

Issa naraw f'aktar dettall dak li qalu l-persuni b'diżabilità intellettwali.

## 2.1 Indipendenza u Sapport

Kien hemm persuni li qalu li huma kapaċi jieħdu ħsieb tagħhom infushom u jitkellmu għalihom infushom. Iżda kien hemm ukoll min qal li hemm persuni li jkollhom bżonn lil xi ħadd li jitkellem għalihom.

Huma qalu wkoll li mhux kulħadd jagħraf li huma kapaċi jagħmlu affarijiet waħedhom, bħal, per eżempju, li jmorru jixtru waħedhom.

Xi persuni semmew il-fatt li, għalkemm huma jistgħu jitkellmu għalihom infushom, huma ma jingħatawx iċ-ċans li jagħmlu hekk. Xi kultant dan jiġri għax ħaddieħor jittrattahom ta' tfal u mhux ta' kbar.

Meta tkellmu t-tfal b'diżabilità intellettwali, kien hemm min qal li għandhom jitkellmu magħhom, per eżempju, meta jmorru f'restorant jew għand it-tabib. B'dan il-mod huma jsiru aktar indipendenti. Iżda kien hemm ukoll min qal li għadu żgħir wisq biex jibda jieħu deċiżjonijiet waħdu u jkollu bżonn l-għajnuna.

Kien hemm persuni oħra li semmew kemm hu importanti li jkollhom l-għajnuna meta jkollhom bżonnha. Meta jgħinek ħaddieħor, ma jkunx hemm għalfejn tagħmel l-affarijiet waħdek. L-għajnuna tista' tingħata minn persuni differenti: membri tal-familja, staff, u anke minn persuni b'diżabilità bejniethom.

Mhux kulħadd għandu bżonn għajnuna l-ħin kollu. Kien hemm min qal li fiċ-ċentru jsib ħafna għajnuna imma li għandu bżonn aktar għajnuna d-dar.

L-għajnuna fid-dar hi importanti ħafna. Bis-saħħa ta' din l-għajnuna, il-persuni b'diżabilità intellettwali jkunu jistgħu jibqgħu jgħixu fid-djar tagħhom. Huma qalu li aħjar tibqa' tgħix fid-dar tiegħek, b'xi ħadd jgħinek u jagħtik sapport, milli tmur tgħix f'dar kbira ma' ħafna nies oħra.

Xi kultant, iridu jkunu l-persuni b'diżabilità intellettwali stess li jfittxu l-għajnuna. Jekk tiġri xi ħaġa li ddejjaqhom, iridu jsaqsu għaliex ġara hekk. Iridu wkoll ikunu jafu min jista' jgħinhom. Kien hemm min qal li jekk xi ħadd iweġġgħu, jgħid lill-ġenituri. Ħaddieħor qal li jgħid lit-*teacher* jew *headteacher* biex jgħinu.

Kien hemm ukoll min semma' li n-nies kollha għandhom isiru jafu aktar dwar il-persuni b'diżabilità intellettwali. Dan jista' jsir billi jkun hemm programm fuq it-TV li jiddiskuti l-problemi li jiltaqgħu magħhom il-persuni b'diżabilità intellettwali fil-ħajja tagħhom.

## 2.2 Xogħol u Tagħlim

Waħda mill-affarijiet li semmew ħafna persuni kien ix-xogħol. Fil-fatt hemm ħafna li jixtiequ jaħdmu, u dawn huma x-xogħlijiet li semmew li jixtiequ jagħmlu nies differenti:

- *Hairdresser*
- Nagħmel il-*make-up* u d-dwiefer
- *Masseur*
- Futboler
- Naħdem fil-kompjuters
- Naħdem ġo uffiċċju
- Naħdem ġo bank
- Ġennien
- Kok
- Naħdem ma' taż-żibel
- Kantant
- *Drummer*
- Pjanista
- DJ
- Għalliem tal-kant u ż-żfin
- Messaġġier
- Wejter
- Tabib
- Dentist
- Għalliem
- Nieħu ħsieb il-*babies* u t-tfal

Imbagħad hemm persuni li jixtiequ jkomplu jitgħallmu. Kien hemm min semma li jixtieq jibqa' fl-iskola fejn qiegħed bħalissa, u min qal li ma jixtieqx li jinfired minn ma' sħabu biex imur skola oħra.

Ħafna kienu l-persuni li semmew li jixtiequ jitgħallmu jaqraw u jiktbu, u għandu jkun hemm skola apposta għal hekk. Din għandha tkun filgħaxija, għal dawk il-persuni b'diżabilità li jaħdmu.

Kien hemm min jaf jikteb u jaqra u qal li jixtieq ikollu aktar ħin biex joqgħod jagħmel dawn l-attivitajiet. Persuna semmiet ukoll li tixtieq titgħallem is-somom.

Il-kompjuters ukoll kien hemm ħafna li semmewhom. Il-persuni tkellmu dwar il-bżonn li jkun hemm korsijiet għal persuni b'diżabilità. Kien hemm ukoll min għamel il-punt li għandhom bżonn kompjuter id-dar li jkunu jistgħu jużawh, għax mhux kulħadd għandu. Il-kompjuter hu wkoll mod kif jistgħu jsibu x-xogħol.

Fil-laqgħat li saru mat-tfal ta' l-iskola kien hemm opinjonijiet differenti dwar l-iskola u t-tagħlim.

Fost l-affarijiet li jħobbu dwar l-iskola ssemmew dawn:

- Il-*homework*
- Il-PSD
- L-attivatjiet barra mill-klassi
- Il-ħruġ barra mill-iskola
- Il-logħob
- Drama
- PE
- Il-kor
- Li titgħallem

Imma kien hemm ukoll min qal li l-iskola ma jħobbhiex. Dawn huma l-affarijiet li semmew li jdejquhom:

- Li tilbes l-uniformi
- Ħafna *homework*
- It-tisjir
- Ħafna storbju u għajat
- Li xi ħadd jgħajjat magħhom

Huma tkellmu wkoll dwar sħabhom l-istudenti, u meta dawn idejquhom:

- Studenti li jiffittawhom
- Tgħajjir minn studenti
- *Bullying*
- Ġlied
- Min jitkessaħ
- Min jgħajjar
- Meta sħabhom ma jħalluhomx jilagħbu magħhom

## 2.3 Attivitajiet Differenti

Minbarra x-xogħol u t-tagħlim, il-persuni b'diżabilità intellettwali semmew ukoll attivitajiet differenti li huma interessati fihom. Dawn l-attivitajiet jgħinuhom biex ikollhom ġurnata interessanti u biex ikomplu jitgħallmu jagħmlu aktar affarijiet.

Kien hemm min semma li jiddejjaq meta ma jkollu xejn x'jagħmel. Oħrajn qalu li jixtiequ jagħmlu attivitajiet differenti minn dawk li qed jagħmlu. U oħrajn qalu li jieħdu gost bl-attivitajiet li jagħmlu imma jixtiequ jagħmlu aktar attivitajiet ukoll.

L-attivitajiet li semmew il-persuni kienu differenti. Hemm min diġà jagħmilhom dawn l-attivitajiet. U hemm min jixtieq jibda jagħmilhom.

Uħud minn dawn l-attivitajiet semmewhom dawk li jattendu ċentri ta' matul il-jum. Huma qalu li jixtiequ li:

- iduru minn *unit* għall-ieħor biex jagħmlu aktar attivitajiet differenti
- iżidu l-attivitajiet li jagħmlu fil-*units* tagħhom
- jagħmlu aktar *crafts* u tpinġija
- jitgħallmu kif jieħdu ħsieb l-ambjent
- jieħdu ħsieb il-ġnien
- ikollhom aktar natura u annimali fiċ-ċentru
- jgħinu fil-kċina u jieħdu ħsieb it-tindif
- imorru jixtru
- ikollhom ħanut iċ-ċentru li jieħdu ħsiebu huma flimkien mal-*careworkers*
- jagħtu servizz ta' ħasil tal-karozzi, anke barra miċ-ċentru
- jitħallsu għax-xogħol li jagħmlu fiċ-ċentru, imqar *pocket-money*

Kien hemm ukoll min tkellem dwar l-attivitajiet li jagħmlu d-dar:

- Xi ħadd semma li dak li jagħmel iċ-ċentru jixtieq li jkun jista' jagħmlu d-dar ukoll;
- Xi ħadd qal li jixtieq jagħmel aktar affarijiet id-dar;
- Imma xi ħaddieħor qal li jixtieq jagħmel inqas xogħol id-dar għax jaħdem ħafna;
- U xi ħadd semma li hu importanti li l-ġenituri jibagħtu lil uliedhom għal aktar attivitajiet barra mid-dar.

Il-persuni b'diżabilità intellettwali, kemm dawk li jattendu ċ-ċentri ta' matul il-jum u anke l-oħrajn, semmew attivitajiet oħra li jixtiequ jibdew jagħmlu jew li diġà jieħdu gost jagħmluhom:

- Jipprattikaw xi sport
- Jattendu attivitajiet sportivi
- Jisimgħu r-radju
- Jaħdmu fil-*workshop*
- Ikollhom aktar laqgħat flimkien
- Ikollhom żiemel
- Imorru l-festi
- Jieħdu sehem fl-attivitajiet tal-parroċċa
- Ikunu fi gruppi fejn jistgħu jipprattikaw id-delizzji tagħhom
- Jaraw it-televiżjoni
- Jaqraw
- Jiżfnu u jkantaw

## 2.4 Staff

Ħafna mill-persuni b'diżabilità intellettwali li attendew jużaw xi servizz u għalhekk ikollhom ħafna kuntatt ma' membri ta' l-istaff. Kien hemm min faħħar membri ta' l-istaff għas-servizz li jagħtu. Iżda kien hemm ukoll min jixtieq li ċerti affarijiet isiru aħjar. Dawn huma l-punti li semmew:

- Staff li jitkellmu mal-persuni b'diżabilità intellettwali
- Staff li jifhmuhom u jkunu jafu dwarhom
- Staff li jisimgħuhom u jagħtuhom ċans jesprimu ruħhom
- Staff li jaqblu bejniethom
- Staff li jkunu umli
- Meta xi ħadd ikun qed jisma' r-radju, ma jitfuhx l-istaff
- Staff li jkun imħarreġ biex ikun jaf jagħmel ix-xogħol tajjeb

## 2.5 Ħbieb u Ħruġ

Kien hemm ħafna persuni b'diżabilità intellettwali li tkellmu dwar ix-xewqa tagħhom li jagħmlu aktar ħbieb u joħorġu aktar. Kien hemm persuna li qalet li għandha ħafna ħbieb u oħra li qalet li tieħu gost tilgħab mal-ħbieb.

Imma l-biċċa l-kbira tal-persuni qalu li ma tantx għandhom ħbieb. Għalhekk, huma jixtiequ li jagħmlu l-ħbieb biex ikunu jistgħu jitkellmu ma' xulxin, imorru fid-djar ta' xulxin, u biex joħorġu magħhom.

Kien hemm min semma li ma jixtieqx joqgħod ħafna ħin id-dar. Oħrajn jiddejqu joqogħdu waħedhom. Huma ġie li jkunu jixtiequ joħorġu imma ma jkunux jistgħu għax ma jkollhom lil ħadd biex jagħtihom l-għajnuna li jkollhom bżonn.

Dawk li joħorġu, ħafna drabi joħorġu mal-familja jew ma' tal-mużew. Hemm min jieħu gost jagħmel dan, imma hemm ukoll min jiddejjaq. Xi kultant jiddejqu għax ikollhom imorru postijiet fejn ma jkunux iridu jmorru.

Dawk li jiddejqu jridu li dawk ta' madwarhom jagħtuhom aktar ċans biex joħorġu u jagħmlu l-ħbieb. Kien hemm min semma li jixtieq jieħu sehem f'*exchanges* taż-żgħażagħ. Hemm ukoll min jixtieq li jkun jista' joħroġ ma' l-għarus, jew waħdu. Kien hemm min semma wkoll li jrid jiżżewweġ.

Huma jixtiequ wkoll li jkun hemm aktar postijiet fejn jistgħu joħorġu biex jilagħbu u jieħdu gost.

Kien hemm ħafna persuni li semmew il-problemi tat-trasport. Hemm min għandu diffikultà biex juża l-karozza tal-linja u jixtieq li jkollu l-għajnuna biex jitgħallem jużaha.

Hemm ukoll persuni li għandhom diżabilità fiżika u għalhekk isibuha diffiċli biex jużaw il-karozzi tal-linja. Dawn semmew kemm hu importanti li l-vannijiet u l-*mini-buses* ikunu aċċessibbli.

Semmew ukoll li hu importanti li jkollhom mezzi ta' trasport tajbin. Meta t-trasport ma jkunx aċċessibbli, huma ma jkunux jistgħu joħorġu.

Ħaġa oħra li ssemmiet kienet li t-toroq għandhom ikunu aċċessibbli u lixxi, għax meta t-toroq ikunu mħarbta, ikollhom problema biex joħorġu. Anke l-bankini jridu jkunu tajbin u jkollhom ir-rampi.

Fir-rigward ta' persuni b'diżabilità fiżika, issemma wkoll il-fatt li hu importanti li persuni li jiżfnu bil-*wheelchair* jitħallew jiżfnu ma' ħaddieħor.

## 2.6 Punti Oħra

Kien hemm xi punti oħra li semmew il-persuni b'diżabilità intellettwali waqt il-laqgħat. Dawn kienu l-aktar dwar affarijiet li jdejquhom fil-ħajja ta' kuljum:

- Meta jkunu morda
- Min jitkellem ħażin
- Mużika għolja ħafna
- Meta affarijiet bħall-kompjuter, it-televixin jew il-fann ma jaħdmux
- Persuna semmiet li jiddejjaq li ssawtu oħtu. Oħra qalet li ħutha jħobbuha ħafna.
- Meta jkun hemm xi ħaġa li ma jridux jagħmlu u jkunu jridu li jagħmluha ta' bilfors

## 3. Rapport ta' dak li qalu l-membri tal-familji tal-persuni b'diżabilità intellettwali

Il-biċċa l-kbira tal-membri tal-familja li ħadu sehem kienu ġenituri ta' persuni b'diżabilità intellettwali. Huma qablu li l-persuni b'diżabilità għandhom id-dritt li jitkellmu għalihom infushom u li nisimgħu dak li jridu jgħidu.




### Il-membri tal-familji tal-persuni b'diżabilità intellettwali qalu li:

- Għandna nħarsu d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità intellettwali;
- Il-persuni b'diżabilità intellettwali għandhom jitgħallmu dwar id-drittijiet u r-responsabilitajiet tagħhom;
- L-edukazzjoni hi importanti ħafna għall-persuni b'diżabilità intellettwali;
- Irridu naħsbu wkoll f'dawk il-persuni li, minħabba li għandhom diżabilità intellettwali severa, ikollhom bżonn lil xi ħadd biex jitkellem għalihom;
- Il-ġenituri għandhom jagħtu sapport lil uliedhom biex dawn jitgħallmu jkunu indipendenti kemm jista' jkun;
- Is-servizzi għall-persuni b'diżabilità intellettwali jridu jkunu addattati għalihom u jagħtu kas tagħhom bħala individwi.

Dawn huma d-dettalji dwar dak li qalu l-ġenituri:

## 3.1 Drittijiet Imħarsa

Hu importanti li naraw li l-liġi tħares id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità intellettwali, għax xi kultant ikunu membri tal-familja tagħhom stess li ma jiħdux ħsiebhom tajjeb. Dan jiġri l-aktar meta jiġu neqsin il-ġenituri.

Tkellmu wkoll fuq il-vot għal persuni b'diżabilità intellettwali. Kien hemm min qal li l-ġenituri għandhom jivvutaw f'isem dawk il-persuni b'diżabilità intellettwali li ma għandhomx vot. Oħrajn qalu li dawn il-persuni għandhom jingħataw is-sapport kollu li għandhom bżonn biex jivvutaw huma stess.

Jekk ma jkollhomx vot, il-persuni b'diżabilità ma jkunux ċittadini tal-pajjiż. Ġenitur ta' persuna b'diżabilità intellettwali qalet li hi tħoss li għat-tifla tagħha, is-*self-advocacy* hi 'l bogħod minħabba li m'għandhiex vot.

Ġenitur ieħor semmiet li f'każi ta' separazzjoni, persuni b'diżabilità intellettwali jitqiesu bħala minorenni. Dan ifisser li fl-għajnejn tal-liġi huma jibqgħu qishom tfal. Hi spjegat li ġibdet l-attenzjoni tal-Kummissarju tat-Tfal dwar dan.

## 3.2 Jitgħallmu dwar Drittijiet u Responsabilitajiet

Mod kif dawn id-drittijiet jiġu mħarsa hu billi l-persuni b'diżabilità intellettwali jkunu jafu aktar dwar id-drittijiet tagħhom stess. B'dan il-mod, huma jkunu jafu meta xi ħadd mhux qed iħarishom.

Kien hemm ġenitur li semma kemm jistgħu jiġu abbużati l-persuni b'diżabilità fid-dinja tax-xogħol. Għalhekk hu importanti ħafna li huma jkunu jafu dwar id-drittijiet tagħhom.

Is-*self-advocacy* tista' tgħin ħafna biex il-persuni b'diżabilità intellettwali jitgħallmu dwar id-drittijiet u r-responsabilitajiet tagħhom lejn ħaddieħor u dwar kif jieħdu deċiżjoni tajba. Tajjeb li huma jitgħallmu li dak li jridu jagħmlu mhux bilfors li tkun l-aħjar ħaġa għalihom.

Dawn il-persuni għandhom jitgħallmu wkoll dwar il-ħajja adulta, anke dwar is-sesswalità. Dan ifisser li jitgħallmu dwar aspetti differenti tas-sesswalità, per eżempju, li din mhix l-att sesswali biss u jitkellmu dwar il-masturbazzjoni.

Dan it-taghlim, dwar is-*self-advocacy* u dwar il-ħajja adulta, irid isir mhux biss mal-kbar imma anke ma' tfal b'diżabilità intellettwali.

Ikun tajjeb li anke l-ġenituri u l-istaff li jaħdmu ma' persuni b'diżabilità intellettwali jagħmlu diskussjonijiet u korsijiet biex jifhmu aħjar x'inhi s-*self-advocacy*. Huma jixtiequ jkunu jafu wkoll aktar dwar x'inhu r-rwol tagħhom biex jitkellmu f'isem uliedhom u biex jgħinu lil uliedhom jitkellmu għalihom infushom.

## 3.3 L-Importanza ta' l-Edukazzjoni

Meta jsiru korsijiet għal persuni b'diżabilità intellettwali, hu importanti li dawn ikunu addattati għalihom. Ma ninsewx li ħafna persuni jridu jimxu pass pass bil-mod biex ikunu jistgħu jifhmu.

Dak li jsir mal-persuni b'diżabilità intellettwali jrid ikun addattat skond il-persuna. Meta nkunu se nitkellmu fuq affarijiet importanti, tajjeb li nagħżlu ħin addattat għal dan. Dan jgħodd kemm għall-kbar u kemm għat-tfal.

Kien hemm ukoll min tkellem dwar l-edukazzjoni tat-tfal. Issemmew l-assessments, jiġifieri meta jaraw tfal b'diżabilità intellettwali kemm huma kapaċi jagħmlu affarijiet differenti. Biex isiru tajjeb iridu jsiru fuq tul ta' żmien. Ma tistax tagħmel assessment ta' dak li persuna tkun kapaċi tagħmel f'laqgħa ta' siegħa.

Barra minn hekk, irid ikun hemm min isegwi lill-istudenti fl-iskola biex jaraw xi bżonnijiet għandhom u x'kapaċitajiet għandhom. Meta jkun hemm diffikultajiet, aktar ma jindunaw bihom kmieni, ikun aħjar. Imma xi kultant ikun hemm problemi li joħorġu aktar tard.

Għalhekk tajjeb li jkun hemm min isegwi lill-istudenti. Dan iservi wkoll biex jiġi żgurat li x-xogħol ma' l-istudenti jkun qed isir skond il-Programm Edukattiv Individwali. Hu importanti wkoll li l-istudenti jingħataw is-sapport kollu li għandhom bżonn. B'hekk huma dejjem jibnu fuq dak li jkunu tgħallmu fis-snin ta' qabel.

Meta t-tfal ikunu se joħorġu mill-iskola hu importanti li jerġa' jsir assessment. Dan minħabba li l-kapaċitajiet tagħhom ikunu nbidlu. Jekk isir assessment ikunu jistgħu jippreparaw aħjar għad-dinja tax-xogħol.

Aktar ma l-istudenti jkollhom sapport fil-problemi tagħhom meta jkunu għadhom żgħar, aktar jitgħallmu kif jitkellmu għalihom infushom. Ġenitur minnhom semmiet li fl-iskejjel it-tfal b'diżabilità ma jiġux mgħallma biżżejjed dwar is-*self-advocacy* u ċerti facilitators joqogħdu qishom suldati magħhom waqt is-superviżjoni tal-brejks.

Kien hemm ġenituri oħra li qalu li huma jħossu li t-tfal tagħhom mhumiex stmati daqs tfal oħra. Ċerti tfal ikunu mwarrba mill-għalliema. Għalkemm fiżikament ikunu fil-klassi, fil-fatt ma jkunu inklużi fl-ebda attività. Sitwazzjonijiet bħal dawn iweġġgħu, kemm lit-tfal kif ukoll lill-ġenituri.

## 3.4 Persuni B'Diżabilità Intellettwali Severa

Il-ġenituri semmew ukoll lil dawk il-persuni b'diżabilità intellettwali li m'għandhomx vuċi għax għandhom diffikultà biex jitkellmu. Huma qalu li xi ħadd irid jitkellem għal dawn il-persuni għax hu importanti ħafna li ma jitħallewx barra.

Hemm persuni li jafu jitkellmu imma xorta jkollhom bżonn sapport biex huma jkunu jistgħu jressqu l-punti tagħhom. Dawn il-persuni ukoll għandhom dritt li jitkellmu. Kien hemm min qal li l-aħjar jitkellmu l-ġenituri għal dawn il-persuni għax huma jkunu magħhom kuljum u jafu x'inhuma l-problemi tagħhom. Oħrajn qalu li kulħadd irid jaħdem flimkien għal dawn il-persuni biex isir dak li hu l-aħjar għalihom.

## 3.5 Sapport mill-Ġenituri

Ġenitur ta' tifla b'diżabilità qalet li hi tagħti ħafna opportunitajiet lit-tifla tagħha biex tagħmel attivitajiet differenti. Hi qalet li hu importanti li l-ġenituri kollha jagħmlu dan għax hekk it-tfal tagħhom ikunu jistgħu jitgħallmu affarijiet differenti.

Ħafna persuni b'diżabilità jinkwetaw x'se jiġri minnhom meta l-ġenituri tagħhom jiġu nieqsa. Il-ġenituri wkoll jistgħu jagħtu sapport lil uliedhom b'diżabilità biex dawn jitgħallmu jkunu indipendenti kemm jista' jkun.

Dan jgħodd ukoll għall-istaff li jaħdmu magħhom u anke għall-għaqdiet li jaħdmu f'dan il-qasam. F'għaqda minnhom, il-ġenituri jagħtu ċans lill-persuni b'diżabilità intellettwali biex jitkellmu dwar il-problemi tagħhom. Imma jħossu li għadhom 'il bogħod biex il-persuni stess ikunu fuq il-bord.

Xi ġenituri staqsew x'għandhom jagħmlu jekk uliedhom li għandhom diżabilità intellettwali jagħmlu deċiżjoni li mhix addattata għalihom. Xorta waħda għandu jsir dak li jixtiequ wliedhom?

Kien hemm risposti differenti għal din il-mistoqsija dwar x'għandhom jagħmlu l-ġenituri:

- Jippruvaw jifhmu lil uliedhom, anke jekk ma jaqblux magħhom. Jekk ma tippruvax tifhimhom u huma ma jaċċettawx dak li jgħidu l-ġenituri, it-tfal jistgħu jirribellaw;
- Ifehmuhom u jagħtuhom ċans jiddeċiedu għalihom infushom, anke f'affarijiet żgħar ta' kuljum bħal, per eżempju, x'tilbes jew x'tiekol;
- Isibu bilanċ bejn li jgħidu lil uliedhom x'għandhom jagħmlu u li jagħtuhom iċ-ċans li jagħmlu dak li jixtiequ;
- Jipproteġuhom jekk il-persuni b'diżabilità intellettwali jkunu jridu jagħmlu affarijiet li huma ta' ħsara għalihom;
- Jieħdu aktar paċenzja b'uliedhom u ma jibżgħux wisq li jħalluhom jagħmlu l-iżbalji.

## 3.6 L-Għoti ta' Servizzi

Meta tkellmu dwar is-servizzi residenzjali, il-ġenituri qablu li hu aħjar li persuni b'diżabilità jgħixu f'dar żgħira bis-sapport li hemm bżonn milli f'istituzzjoni kbira, għax jibqgħu aktar indipendenti, jibqgħu fil-komunità u jżommu ċ-ċirku ta' ħbieb tagħhom. Dan diġà qiegħed isir f'Malta, għalkemm f'Għawdex għad ma hemmx dawn it-tipi ta' djar.

L-istaff (fid-djar, fiċ-ċentri ta' matul il-jum, u fl-iskejjel) ma jistgħux jiddeċiedu huma waħidhom x'inhuma kapaċi jagħmlu l-persuni b'diżabilità intellettwali. Iridu jagħtu widen ta' dak li jgħidu dawn il-persuni, jaraw x'għandhom bżonn u jgħinuhom f'dan.
Kien hemm ġenitur li semmiet li mhux sew li t-tifla tagħha ma jemmnuhiex meta tgħid xi ħaġa, per eżempju, meta qalet li hi għandha l-vot, l-iskola ma emmnuhiex.
Uħud mill-ġenituri tkellmu dwar kemm hu importanti li niftakru li l-persuni b'diżabilità intellettwali huma differenti minn xulxin u ma nistgħux nagħmluhom fi gruppi kbar, qishom kollha l-istess. Huma għamlu l-punt li fiċ-ċentri ta' matul il-jum, hemm persuni ta' etajiet differenti ħafna flimkien.
Kien hemm ukoll min qal li persuni b'diżabilità għandu jkollhom iċ-ċans li jiltaqgħu flimkien imma għandhom ukoll jitħalltu aktar ma' persuni li m'għandhomx diżabilità.

## 4. Rapport ta' dak li qalu dawk li jaħdmu mal-persuni b'diżabilità intellettwali

L-istaff li attendew għal dawn il-laqgħat kienu ġejjin minn diversi setturi: skejjel, ċentri ta' matul il-jum, servizzi residenzjali. Kien hemm ukoll membri ta' għaqdiet mhux governattivi.




### Dawk li jaħdmu mal-persuni b'diżabilità intellettwali qalu li:

- Is-*self-advocacy* hi dritt tal-persuni b'diżabilità intellettwali. Hu wkoll id-dmir ta' dawk li m'għandhomx diżabilità li jaraw li dawn il-persuni jipprattikaw is-*self-advocacy*.
- Il-laqgħat fi gruppi tas-*self-advocacy* għandhom isiru għal kulħadd. Kull persuna b'diżabilità intellettwali tista' tagħti sehemha – min ħafna u min ftit.
- Il-persuni b'diżabilità intellettwali għandhom bżonn ta' taħriġ fis-*self-advocacy* biex huma jitgħallmu dwar kif jitkellmu għalihom infushom u jagħmlu għażliet tajba.
- L-iskejjel għandhom jisimgħu dak li jgħidu t-tfal b'diżabilità u għandhom jaraw li dawn ikunu inklużi tassew.
- Is-soċjetà trid ukoll tagħti s-sehem tagħha.
- Il-persuni b'nuqqas ta' saħħa mentali jiltaqgħu ma' ħafna diffikultajiet li jixbhu lil dawk li għandhom diżabilità intellettwali. Dawn iż-żewġ gruppi għalhekk jistgħu jitgħallmu mingħand xulxin.

Issa naraw dawn il-punti f'aktar dettall:

## 4.1 Is-*Self-Advocacy* hi Dritt ta' Kulħadd

L-istaff qablu li s-*self-advocacy* hu dritt tal-persuni b'diżabilità intellettwali. Is-*self-advocacy* jista' jgħin biex persuna b'diżabilità intellettwali twassal il-messaġġ tagħha, anke jekk bil-għajnuna ta' xi ħaddieħor.

Irridu nemmnu li persuni b'diżabilità intellettwali huma kapaċi jitkellmu għalihom infushom inkella jibqgħu jitkellmu għalihom persuni li m'għandhomx diżabilità għax jaħsbu li aktar kapaċi jitkellmu għalihom minnhom stess. Hemm drabi meta l-persuni b'diżabilità intellettwali jagħmlu punti li ħadd minn dawk li jagħtihom sapport ma jkun ħaseb fihom.

Huma qalu li s-*self-advocacy* hu wkoll dmir ta' kull ġenitur u ħaddiem fil-qasam. Dan għaliex il-persuni b'diżabilità intellettwali m'humiex oġġetti imma huma individwi. Jekk ma nagħtuhomx iċ-ċans li jitkellmu għalihom infushom, inkunu qed neqirdu l-kapaċitajiet tagħhom. Irridu nagħtuhom iċ-ċans skond il-kapaċità - min ħafna u min ftit.

Hemm persuni li jistgħu jsibuha diffiċli li jitkellmu għalihom infushom. Dan jista' jkun għaliex laħqu ċerta età, jew għandhom diffikultà biex jitkellmu, jew inkella għax iridu ħafna għajnuna fil-ħajja ta' kuljum. Imma anke dawn għandu jkollhom dan iċ-ċans, anke jekk f'affarijiet żgħar.

## 4.2 Il-Gruppi tas-*Self-Advocacy* huma importanti ħafna

L-istaff tkellmu dwar l-importanza li jkun hemm gruppi tas-*self-advocacy* għall-persuni b'diżabilità intellettwali. Huma qalu li:

- membri ta' l-istaff għandhom jidħlu għal dawn il-laqgħat u ssir sistema biex l-istaff kollu jidħol għal laqgħa jew oħra;
- għandu jkun hemm gruppi tas-*self-advocacy* f'kull ċentru. Hemm ċentri fejn bdew u waqfu u oħrajn fejn għadhom anqas bdew;
- għandu jkun hemm gruppi tas-*self-advocacy* anke fl-iskejjel;
- laqgħa ta' darba fix-xahar mhix biżżejjed biex il-persuni b'diżabilità jsemmgħu leħinhom;
- il-laqgħat imexxuhom *speech therapists*, professjonisti oħra jew membri ta' l-istaff li jkollhom il-kapaċità li jmexxu grupp;
- importanti li min imexxi l-laqgħat ikun jaf eżatt x'inhu x-xogħol tagħhom f'dawn il-laqgħat;
- tajjeb li f'dawn il-laqgħat il-persuni b'diżabilità intellettwali jipprattikaw sitwazzjonijiet li jiltaqgħu magħhom fil-ħajja ta' kuljum;
- biex jirnexxu l-gruppi tas-*self-advocacy* li hemm fis-servizzi, irid ikun hemm ukoll interess min-naħa ta' l-istaff kollu. Jekk se jesprimu ruħhom il-persuni b'diżabilità intellettwali, irid ikun hemm min iwettaq dak li qed jesprimu;
- biex jirnexxu l-gruppi tas-*self-advocacy* hemm bżonn ukoll li kulħadd jaħdem għall-istess għan.

### 4.3 Prattika tal-Ħiliet tas-*Self-Advocacy*

Hu importanti ħafna li l-persuni b'diżabilità intellettwali jkollhom ħafna ċans li jitkellmu għalihom infushom u jieħdu ħsieb tagħhom infushom. Dan hu importanti f'kull żmien tal-ħajja, anke meta jkunu qed jikbru. B'hekk huma jsiru aktar kapaċi li jagħmlu għażliet tajba.

Meta persuni b'diżabilità intellettwali jkunu membri ta' grupp tas-*self-advocacy*, hu importanti li dak li jitgħallmu fil-grupp jitkompla d-dar mal-membri tal-familja. Jekk ma jiġrix dan, il-persuni jitilfu dak li jkunu tgħallmu.

Għalhekk irridu nsibu modi kif huma jitkellmu għalihom infushom u jagħmlu għażliet fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. Jekk jieħdu żball, per eżempju fil-ħwejjeġ li jagħżlu biex jilbsu, jindunaw waħedhom bl-iżball u jmorru jbiddlu.

Meta tkun se ssir xi ħarġa, il-persuni b'diżabilità wkoll jistgħu jiddiskutu ma' l-istaff jew ma' tal-familja dwar fejn jistgħu jmorru u x'jistgħu jagħmlu. Hekk ikollhom opportunità oħra li jagħżlu huma u jitkellmu għalihom infushom.

Xi ġenituri ma jħalluhomx jagħmlu ċerti affarijiet fid-dar, jipproteġuhom iżżejjed. Tassew li l-ġenituri jkollhom ħafna x'jagħmlu, imma t-tfal tagħhom importanti li jkollhom l-opportunità li jipprattikaw il-*life skills*, jiġifieri jitgħallmu ħiliet importanti għall-ħajja.

Meta jkun se jsir assessjar mill-professjonisti, dan m'għandux isir biss f'sessjoni li ddum siegħa jew sagħtejn. Dan irid isir f'aktar tul u rridu nagħtu ċans lill-persuni b'diżabilità intellettwali li jitkellmu wkoll. Xi kultant irridu nkunu lesti li nħallu lil dawn il-persuni jieħdu ċerti riskji.

Min-naħa l-oħra, hu importanti li l-persuni b'diżabilità intellettwali jitgħallmu li għandhom ċerti responsabilitajiet u li jridu wkoll jirrispettaw il-bżonnijiet u x-xewqat ta' kulħadd, anke ta' min m'għandux diżabilità.

Issemma eżempju ta' dar residenzjali fejn wieħed mid-diretturi jrid ikun elett minn fost ir-residenti.

### 4.4 L-Edukazzjoni

Il-persuni b'diżabilità intellettwali għandhom igawdu minn opportunitajiet ta' tagħlim. Korsijiet bhal 'Semma' Leħnek' jgħinuhom biex jitgħallmu ħiliet tas-*self-advocacy*.

Huma jistgħu wkoll jiggwadanjaw minn korsijiet f'oqsma oħra, bħal per eżempju fil-kompjuters. Hawnhekk tista' tgħin ħafna l-FITA li tagħmel korsijiet tajbin kemm f'Malta u kemm f'Għawdex.

Anke fl-iskejjel hu importanti ħafna li jkun hemm tagħlim dwar is-*self-advocacy*. Dan irid ikun parti mill-Programm Edukattiv Individwali. Meta jkun qed isir dan il-Programm, l-istudenti għandu jkollhom leħen, biex hekk jipprattikaw is-*self-advocacy* minn kmieni.

Importanti li dan il-Programm jaqbel miegħu kulħadd. Kien hemm staff li semmew li xi drabi mhux kulħadd jaqbel ma' dak li jkun inkiteb u għalhekk il-Programm ma jsirx.

Kien hemm min semma' li l-Programm Edukattiv Individwali jrid ikun fih ħin biex tfal b'diżabilità intellettwali jitgħallmu ħiliet importanti għall-ħajja (*life skills*). Dawn huma importanti ħafna għas-*self-advocacy*.

L-istaff semmew ukoll li tfal b'diżabilità mhumiex inklużi fl-iskejjel kollha. Hemm skejjel fejn dawn it-tfal huma aċċettati bħal tfal oħra. Iżda hemm ukoll skejjel fejn mhumiex meqjusa bħala parti mill-klassi u jitqiesu li huma tal-*facilitator* biss. Jekk ikun hemm aktar għarfien dwar il-persuni b'diżabilità fl-iskejjel, dawn jiġu aċċettati aktar.

Fejn ma hemmx inklużjoni tassew, il-*facilitators* iridu jiġġieldu għad-drittijiet tat-tfal, xi kultant anke biex ikunu inklużi f'attivitajiet ta' l-iskola. Hemm metodi li jgħinu biex tfal b'diżabilità jiġu aċċettati. Permezz tal-*peer preparation programmes*, it-tfal tal-klassi u l-ġenituri jsiru jafu aktar dwar il-persuna b'diżabilità li tkun se tiġi f'dik il-klassi. Permezz tal-*buddy system*, it-tfal b'diżabilità jkollhom grupp ta' tfal li jagħmlu ħbieb magħhom.

Meta dawn isiru, it-tfal l-oħra, u anke l-ġenituri tagħhom, jitgħallmu aktar dwar id-diżabilità u jitgħallmu jaraw li tfal b'diżabilità huma bħal tfal oħra. Jekk ma jsirux, il-ġenituri jista' jkun li ma jaċċettawx li t-tfal tagħhom joqogħdu ħdejn tfal b'diżabilità. Meta jiġri hekk, il-ġenituri tat-tfal b'diżabilità jkunu jridu jipproteġu t-tfal tagħhom minn din l-attitudni negattiva.

It-tfal tal-primarja li huma mdorrijin ma' tfal b'diżabilità għandhom attitudni differenti ħafna minn dawk li mhumiex imdorrijin. Ta' l-ewwel aktar jaċċettaw lil tfal b'diżabilità u l-attitudni tagħhom hi aktar pożittiva.

Kien hemm ukoll min tkellem dwar is-sistema ta' l-edukazzjoni. Hemm bżonn li l-għalliema jingħataw sapport mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni sabiex ikunu jafu kif għandhom jgħallmu lil studenti b'diżabilità. Hu importanti wkoll li dawk kollha li jaħdmu ma' dawn l-istudenti jaħdmu flimkien għall-ġid ta' l-istudenti.

Irid ikun hemm ukoll kontinwità minn sena għall-oħra. Il-*facilitators* għandhom ikunu jafu minn qabel is-sajf ma' min se jkunu s-sena ta' wara biex ikunu jistgħu jippreparaw minn qabel. Hu importanti wkoll li jkun hemm kontinwità bejn l-iskola primarja u s-sekondarja.

## 4.5 Is-Sehem tas-Soċjetà

Is-soċjetà trid tkun inklussiva u tagħmel dak li hemm bżonn biex il-persuni b'diżabilità intellettwali jkunu parti minnha. Biex dan isir, hemm bżonn ta' bidla fis-soċjetà.

Hemm bżonn li nedukaw ħafna lill-poplu biex jirrispetta u jaċċetta l-persuni b'diżabilità intellettwali u biex isir jaf kif jagħtihom sapport u kif jarahom bħala persuni bħal ħaddieħor. Irid ikun hemm mekkaniżmi li jgħinu lill-persuni b'diżabilità intellettwali jitkellmu fuq livell nazzjonali.

Issemmew tabelli u informazzjoni miktuba li għandhom ikunu magħmula b'mod li jistgħu jifhmuhom il-persuni b'diżabilità intellettwali. L-istaff tkellmu wkoll dwar il-kultura tagħna l-Maltin. Il-kultura Maltija ma għandhiex aspettattivi għolja għal dak li jistgħu jagħmlu persuni b'diżabilità intellettwali u mhux dejjem tittrattahom ta' adulti.

Għalhekk, dawn il-persuni ma jsibux ħafna opportunitajiet biex ikunu tassew parti mis-soċjetà, per eżempju billi jaħdmu, jew ikomplu l-iskola, jew jiżżewġu. Huma għandhom ukoll dritt għall-kamra tagħhom u ħin privat tagħhom.

Issemma' wkoll il-fatt li xi kultant ikun diffiċli li titkellem dwar ċerti affarijiet ma' persuni b'diżabilità intellettwali, speċjalment fuq is-sesswalità. Mhux tajjeb li dawn il-persuni ma jkollhomx iċ-ċans li jitkellmu dwar dan is-suġġett, jew li ma jkunux infurmati tajjeb dwaru.

Rigward ix-xogħol, xi staff minn Għawdex semma li f'Għawdex mhemmx is-servizz ta' *job coach* li jista' jkun ta' għajnuna kbira għal persuni b'diżabilità intellettwali li jkunu sabu xogħol.

Problema oħra kbira li ssemmiet kienet dik ta' l-interdett. Meta persuna b'diżabilità intellettwali jkollha l-interdett, ma jkollha l-ebda drittijiet ċivili. Dan ifisser li ma tkunx tista' tivvota, tiffirma għaliha nnifisha, jew tieħu ħsieb il-flus tagħha. Kien hemm min qal li l-interdett xi kultant hu mogħti fejn ma hemmx bżonn, per eżempju meta jinqasam il-wirt. Dan minħabba li hemm ideat ħżiena dwar dak li persuni b'diżabilità intellettwali huma kapaċi jew mhux kapaċi jagħmlu.

Meta jintuża l-interdett, skond il-liġi, jinħatru professjonisti mill-qorti biex jieħdu ħsieb l-interessi tal-persuni b'diżabilità intellettwali. Iżda fil-verità, dawn il-professjonisti mhux dejjem jimxu skond ma hu l-aħjar għall-persuni b'diżabilità li suppost ikunu qed jieħdu ħsieb.

Rigward il-vot, kien hemm min semma li hemm pajjiżi li fl-elezzjonijiet persuni b'diżabilità jista' jkollhom persuna li jafdaw magħhom.

### 4.6 Persuni b'Nuqqas ta' Saħħa Mentali

Fil-laqgħa li saret ma' għaqdiet mhux governattivi, ħadu sehem ukoll għaqdiet li jaħdmu ma' persuni b'nuqqas ta' saħħa mentali. Dawn qalu li dawn il-persuni jiltaqgħu ma' ħafna diffikultajiet li jixbhu lil dawk ta' persuni b'diżabilità intellettwali. Minbarra l-istigma, ma jsibux impjieg, u ma jsibux sapport biex isibu impjieg. Ħafna nies ma jkunux lesti li jużaw ċerta flessibilità fejn jidħol l-impjieg tal-persuni b'nuqqas ta' saħħa mentali.

Persuni b'nuqqas ta' saħħa mentali wkoll għandhom bżonn ta' *self-advocacy* minħabba li hemm l-idea li m'huma kapaċi għal xejn. Jekk ikunu fi grupp, jgħinhom ħafna biex jaqbżu għalihom infushom. Iżda dawn l-għaqdiet qalu li l-professjonisti jinkoraġġixxu lil persuni b'nuqqas ta' saħħa mentali biex ma jitkellmux għax inkella jiġu ttimbrati. Dan qed iżid ma' l-istigma.

Membru ta' għaqda minnhom semmiet kors li rat barra minn Malta fejn inħoloq programm li fih persuni b'nuqqas ta' saħħa mentali, qraba u professjonisti jitkellmu flimkien. Imma l-persuni ma jitkellmux fi gruppi fejn hemm il-qraba tagħhom stess biex iħossuhom aktar komdi biex jitkellmu. F'dawn il-laqgħat, tkellmet ukoll persuna Maltija b'nuqqas ta' saħħa mentali.

Membru ieħor semmiet l-idea ta' '*trialogue*', jiġifieri li persuni b'nuqqas ta' saħħa mentali, membri tal-familja tagħhom jew dawk li jieħdu ħsiebhom u professjonisti jitkellmu flimkien. Hu importanti li kulħadd ikollu ċ-ċans li jgħid tiegħu għax xi kultant membri tal-familja jkollhom l-aġenda tagħhom u l-persuna b'nuqqas ta' saħħa mentali ma jagħtux kasha. Dan it-*trialogue* jista' jgħodd ukoll għal persuni li għandhom diżabilità intellettwali.

## 5. Punti Oħrajn

Dawn huma punti oħra li għamlu dawk li ħadu sehem fl-aħħar parti tal-laqgħat. Huma dwar suġġetti differenti li għandhom x'jaqsmu mas-*self-advocacy* għall-persuni b'diżabilità intellettwali.

- Naqblu mal-prinċipji u mal-fatt li d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità intellettwali għandhom jiġu rispettati. Imma hemm differenza bejn li naqblu li hemm dawn id-drittijiet u li dawn jiġu attwati.
- *Self-advocacy* mhux bilfors tfisser xi ħaġa kbira bħal li tivvota imma wkoll fil-ħajja ta' kuljum, per eżempju li tagħżel x'tiekol jew x'ħin tmur torqod.
- Is-*self-advocacy* toħloq ambjent fejn il-persuna b'diżabilità tħoss li tista' titkellem mingħajr pressjoni minn ħaddieħor.
- Għalkemm ngħidulha *self-advocacy*, l-ewwel imbuttatura trid tiġi minn dawk li jagħtu s-sapport.
- Hemm bżonn ta' nies li jridu jaħdmu b'impenn, li jaħdmu b'mod dedikat u jinteressahom ix-xogħol.
- Klijenti taċ-ċentri ta' matul il-jum għandhom bżonn ta' aktar attivitajiet, speċjalment:
  - attivitajiet kulturali
  - sports u eżerċizzju fiżiku
  - xogħol bil-qasab u l-lastiku
- Persuni b'diżabilità għandhom jibdew jieħdu sehem fl-organizzazzjoni taċ-ċentru stess: *interviews* ta' l-istaff, *policies* taċ-ċentru, biex ikompli jinbena dak li qed isir fil-gruppi tas-*self advocacy*.
- Fil-qasam ta' l-edukazzjoni hemm il-problema li s-sapport li jagħtu l-*facilitators* jieqaf wara s-sittax-il sena.

- Fl-iskejjel, xi kultant isir żball li t-tfal ma jħalluhomx jgħinu lil sħabhom b'diżabilità. M'hemmx għalfejn li jsir kollox mill-*facilitator*. L-għajnuna hi importanti imma fejn hemm bżonnha biss – għax inkella aktar tkun ta' tfixkil milli ta' sapport.
- L-għalliema għandhom ir-responsabilità li jaraw li l-Programm Edukattiv Individwali jiġi implimentat.
- Fil-qasam tax-xogħol, għalkemm jeżistu l-*job coaches*, min iħaddem ħafna drabi jiddejjaq li jkun hemm *job coach*.
- Nuqqas ta' parteċipazzjoni f'attivitajiet tista' tiġi jew minħabba nuqqas ta' aċċessibilità fiżika, jew minħabba attitudni negattiva.
- Fl-aħħarnett, meta ngħidu li hemm bżonn li l-affarijiet ikunu aħjar, ma nitfgħux ir-responsabilità kollha fuq ħaddieħor, meta hemm affarijiet li nistgħu nagħmlu aħna stess. Kif kien jgħid Gandhi, jekk trid bidla fis-soċjetà, ġibha inti stess din il-bidla.

## 6. Rapport tas-Seminar Finali

Kif ġie spjegat fil-bidu ta' dan ir-rapport, fl-aħħar seminar li sar bħala parti mill-proċess ta' konsultazzjoni, kien hemm preżentazzjoni u diskussjoni dwar il-pożizzjoni nazzjonali, li tinsab fl-Ewwel Taqsima ta' dan ir-rapport. Dan li ġej hu dak li ntqal waqt is-seminar:

### *Reazzjonijiet dwar il-Pożizzjoni Nazzjonali*

***1) Omar Jelassi (Grupp Flimkien Naslu):***
Dan hu rapport maħdum fuq bażi tajba għax hu maħdum fuq dak li qalu l-persuni b'diżabilità stess. L-aktar punt importanti hu li nisimgħu l-opinjonijiet tal-persuna u li nuru rispett personali lejn il-persuni b'diżabilità intellettwali u lejn l-opinjoni tagħha. Dan jgħodd għal kullimkien – fuq ix-xogħol, fil-postijiet tad-divertiment u postijiet oħra.

Kull opinjoni hi importanti. Persuna ma tistax taqbad u tagħtiha kwalunkwe xogħol imma trid tara x'inhu addattat għaliha u x'tixtieq tagħmel. Tassew li hemm bżonn ta' aktar gruppi tas-*self-advocacy* għax dawn jagħtuna ċ-ċans li nsemmgħu leħinna. Imma importanti li jkollna ċ-ċans li nagħmlu dan ukoll fil-ħajja ta' kuljum.

Il-postijiet tad-divertiment tagħna għandhom ikunu bħal ta' ħaddieħor għax kulħadd hu nies u għandna nitħalltu flimkien. Hawnhekk irrid ngħid li l-aċċessibilità hi importanti għax mhux kulħadd jista' jitla' ħafna taraġ.

Is-sapport hu importanti ħafna u jsir b'modi differenti. Per eżempju jiena, bħal nies oħra, m'għandix bżonn ta' sapport fil-ħajja ta' kuljum imma jkolli bżonn ta' sapport

psikoloġiku. Jiena qiegħed fi grupp tas-*self-advocacy* u l-membri għandhom bżonn ta' sapport differenti. Ngħidu aħna, hemm min għandu bżonn sapport biex jaqra imma jaf juża l-karozza tal-linja. U hemm min ikollu bżonn sapport biex juża l-karozza tal-linja imma jaf jaqra.

Imbagħad hemm ukoll min ikollu bżonn ta' sapport fil-komunikazzjoni. Meta persuna ma titkellimx, importanti li nitkellmu ma' dawk li jgħixu magħha. Imma importanti wkoll li nitkellmu mal-persuna permezz tas-sinjali. Importanti li nkomplu nitgħallmu. Jien tgħallimt ħafna mill-kors li għamilt u mix-xogħol li qed nagħmel fil-grupp tas-*self-advocacy*. Kulħadd għandu bżonn jitgħallem. Irridu nitgħallmu wkoll minn dak li qed jiġri barra minn Malta.  Nirringrazzja lil kulħadd.

***2) Brian Micallef (Dar tal-Providenza)***
Nixtieq li jagħtuna aktar ċans lili u lil sħabi u li jifhmuna iktar.  Nixtieq li nattendu aktar laqgħat għax minnhom nitgħallmu ħafna. Kemm lili u kemm lil sħabi jinteressawna. Nixtiequ li nitgħallmu iżjed. Nirringrazzja lil kulħadd, *careworkers* u dawk li jgħinuna.

***3) Leanne Agius (Aġenzija Sapport)***
Lill-persuni b'diżabilità rridu ngħinuhom biex ngħallmuhom affarijiet tal-*crafts*. Jien naf nagħmel ħafna *crafts* u nista' ngħin lil ħaddieħor.

***4) Gabriella Galea (Dar tal-Providenza)***
Nixtieq li jkolli ħafna sapport biex nitgħallem ħafna affarijiet. Inħobb nitgħallem ħafna affarijiet differenti. Nixtieq ukoll li jirranġaw it-toroq.

***5) Stephania Farrugia***
***(Ċentru ta' Matul il-Jum, l-Imtarfa)***
Nieħu gost ħafna fil-grupp tas-*self-advocacy* fiċ-ċentru tiegħi għax hemm il-ħbieb u nitkellmu fuq dak li nixtiequ aħna.

Kull xahar nagħżlu *leader* li jiddeċiedi meta nkunu se nagħmlu xi attività, iġib il-permess mingħand il-*head* u jagħżel is-suġġett fuqiex nitkellmu l-ġimgħa ta' wara.

***6) Alison Bonello (Persuna b'Diżabilità)***
Jien nixtieq li Malta jsiru *flats* bħal Franza għax iz-ziju qalli li fihom ġuvintur u tfajliet b'diżabilità intellettwali jgħixu flimkien u jkollhom l-għajnuna minn staff fil-ħajja ta' kuljum. Jien nixtieq li nagħmilha ma' persuni ta' l-età tiegħi u mhux ma' dawk li huma ħafna ikbar. Jien qed inkellem lil wieħed u qed nitgħallem biex inkun indipendenti.

***7) Isabelle Bonello (Persuna b'Diżabilità)***
Jiena nixtieq li jsir trasport għax jien ma nistax immur l-Eden għax nibża mill-klieb u ma nistax immur bil-karozza tal-linja.

***8) Manuela Pulis***
***(Ċentru ta' Matul  il-Jum, Wied il-Għajn)***
Jiena qiegħda kuntenta ma' sħabi u l-*careworkers* fiċ-ċentru. Nieħu pjaċir meta nsajjar, immorru ngħumu u niddejjaq meta ma nkunx naf meta se noħorġu u fejn sejrin.

Ngħin lil oħti fix-xogħol tad-dar u mmur nixtri.

***9) Marthese Mugliette (Assoċjazzjoni Down Syndrome)***

L-Assoċjazzjoni Down Syndrome temmen li kull persuna hija ugwali u għandha l-istess drittijiet u dmirijiet – intix raġel jew mara, hi x'inhi l-kulur tal-ġilda, hi x'inhi l-kultura u r-reliġjon, hi x'inhi l-kundizzjoni tiegħek. Għalhekk qatt ħadd ma jista' wieħed iwaqqaf jew iċaħħad lil ħadd milli jeżerċita kemm id-dmirijiet kif ukoll id-drittijiet tiegħu.

Illum ġejna għal dan is-seminar finali biex imbagħad tiġi deċiża 'l-pożizzjoni nazzjonali dwar is-*self-advocacy* għall-persuni b'diżabilità intellettwali'. L-Assoċjazzjoni Down Syndrome tixtieq tressaq xi kummenti u opinjonijiet fir-rigward.

L-isem li ngħata dan is-seminar huwa <u>ĦAJJITNA NIDDEĊIDUHA AĦNA</u>. Għal liema deċiżjonijiet qegħdin nirreferu – għall-ħajja ta' kuljum: x'nixtiequ nilbsu, nieklu, nagħmlu, fejn nixtiequ mmorru, eċċ – jew inkella qegħdin nirreferu għal diskussjonijiet biex jiġu studjati *issue*s li jwasslu għall-formolazzjoni ta' *policies*, eċċ?

Ir-rapport jitkellem dwar id-deċiżjonijiet ta' kuljum. Jitkellem dwar is-sapport li għandhom bżonn il-persuni b'nuqqas intellettwali biex jitkellmu għalihom infushom u biex jieħdu d-deċiżjonijiet ta' kuljum.

L-Assoċjazzjoni Down Syndrome temmen ħafna li l-ewwel pass li jrid u għandu jsir biex il-pożizzjoni li tittieħed fir-rigward tkun waħda tajba hija li jitjiebu l-edukazzjoni u t-tagħlim li jingħataw dawn l-istudenti sa minn età żgħira fis-sistema edukattiva tagħna. Barra minn hekk l-edukazzjoni ta' dawn l-uħud m'għandhiex tieqaf mal-*Form 5*, kif sfortunatament qiegħda s-sitwazzjoni bħalissa. Meta persuna b'nuqqas intellettwali tkun fil-*Form 5*, bijoloġikament tkun persuna ta' 16-il sena filwaqt li mentalment tkun għadha ta' xi 12-il sena – f'xi sitwazzjonijiet anke ferm iżgħar. Sakemm din is-sitwazzjoni fl-edukazzjoni ta' persuni b'nuqqas intellettwali tibqa' tippersisti, il-mira li, nikkwota mir-rapport 'persuni b'diżabilità intellettwali jieħdu deċiżjonijiet f'kull livell' se tibqa' 'l bogħod ħafna.

L-Assoċjazzjoni Down Syndrome trid ukoll tenfasizza li l-messaġġ li qiegħed jiġi mwassal ikun wieħed ċar – persuna b'nuqqas intellettwali dejjem għandha limitu ta' kemm tista' tuża l-intellett tagħha. Kieku ma kienx hekk kieku l-persuna ma jkollhiex nuqqas intellettwali. U huwa għalhekk li dejjem ser ikun hemm il-bżonn tas-sapport. L-Assoċjazzjoni tagħna temmen li kull sapport huwa tajjeb imma ċertament is-sapport li jistgħu u għandhom jagħtu l-istess ġenituri ma jirbaħlu ħadd. Dan għaliex kull ġenitur jixtieq l-aħjar għal uliedu u għalhekk żgur li l-ġenitur ta' persuna b'nuqqas intellettwali jagħmel ħiltu kollha u jgħin biex dan il-wild jibbenefika minn servizzi tajbin ħafna u jiggwidah fl-aħjar u għall-aħjar triq possibbli. Żgur li l-ġenitur ser ipoġġi l-ewwel u qabel kollox il-ħtiġijiet tal-persuna b'nuqqas intellettwali, u hekk għandu jsir – is-sistemi tagħna għandhom jiġu adattati għal uliedna b'nuqqas intellettwali u mhux uliedna jiġu adattati għas-sistemi tagħna.

Dan kollu jirrifletti l-viżjoni tagħna - nisimgħu x'għandhom x'jgħidu l-persuni b'nuqqas intellettwali **flimkien** (nagħmel enfasi fuq il-kelma **flimkien**) ma' dak li għandhom x'jgħidu l-ġenituri tagħhom.

Xi tlieta/erba' snin ilu attendejt għal konferenza f'Dublin dwar il-persuni b'nuqqas intellettwali. Waħda mill-preżentazzjonijiet li saru għamlitha persuna li kellu d-Down Syndrome u li jagħmel parti minn grupp tas-*self-advocacy*. Miegħu kellu *personal assistant* li għenu jfassal il-preżentazzjoni u fost affarijiet oħra ntqal li huma jkunu mistiedna u jattendu għal laqgħat ma' membri parlamentari, **dejjem** fil-preżenza tal-ġenituri.

Nixtieq fl-aħħarnett inwassal dak l-eku li ilu jidwi u jibqa' jidwi madwarna – 'Ma jinstemax leħinna l-ġenituri ta' persuni b'nuqqas intellettwali aħseb u ara kemm se jinstema' leħen uliedna!' Naturalment dan ma jingħadx f'każ ta' x'se tilbes, x'se tiekol, x'se tixtri, eċċ. il-persuna b'nuqqas intellettwali. Sfortunatament din hija verità li qegħdin ngħixuha. Inutli nduru fuq il-ġenituri u ngħidulhom - ħallu lil uliedkom jitkellmu għalihom infushom u ħalluhom jieħdu d-deċiżjonijiet - meta lill-istess ġenituri nippruvaw nagħlqulhom ħalqhom, jekk mhux nużaw din l-iskuża biex nagħmlu dan. Għandna noqogħdu attenti li bħalma ġie aċċennat aktar kmieni, speċjalment fejn jidħlu deċiżjonijiet f'livell ta' amministrazzjoni, *policies,* eċċ. għandhom jinstemgħu l-persuni b'nuqqas intellettwali **flimkien** ma' dak li għandhom x'jgħidu l-ġenituri tagħhom.

***10) Odette Montebello***
***(Ċentru ta' Matul il-Jum, l-Imtarfa)***
Bħala *careworker*, flimkien ma' l-*ispeech therapists* niltaqgħu mal-grupp tas-*self-advocacy*. Naraw li jieħdu deċizjonijiet huma mingħajr ma jkunu f'periklu. Norganizzaw attivitajiet barra miċ-ċentru u l-membri tal-grupp jieħdu esperjenzi differenti (per eżempju, l-ITS, il-Junior College - dejjem jiddeċiedu huma). Fejn hemm persuni li ma jistgħux jitkellmu, ikollhom *peer support*. Il-grupp kiber minn 7 għal 13 – ikellmuni klijenti li jixtiequ jidħlu membri. Fil-grupp huma jitkellmu dwar li jogħġobhom u anke li jdejjaqhom. Huma liberi jekk jattendux jew le.

***11) Katie Galea***
***(Ċentru ta' Matul il-Jum, l-Imtarfa)***
Jien *careworker* u nixtieq li l-klijenti, jekk xi ħaġa ma togħġobhomx, jitkellmu u nisimgħuhom.

Id-dar ukoll għandu jkollhom ċans jagħmlu dak li jitgħallmu ċ-ċentru. Il-ġenituri għandhom bżonn li jħallu lil uliedhom jagħtu s-*say* tagħhom.

## *Diskussjoni Miftuħa*

***1) Marthese Falzon (Dar tal-Providenza)***
Jien kont nattendi ċentri u nixtieq li nerġa' nibda mmur. Jien inqum kmieni u nieħu ħsieb il-ħwejjeġ. Ngħin ukoll lil persuni fil-*wheelchairs*.

***2) Gemma Attard (Ġenitur)***
Grazzi ta' dawn il-laqgħat u grazzi lill-*careworkers* tax-xogħol li jagħmlu. Hemm xi ċans li jkun hemm kamra fiċ-ċentru fejn tattendi t-tifla tiegħi għall-fiżjoterapija?

***3) Evie Formosa (Ċentru ta' Matul il-Jum, l-Imtarfa)***
Hu importanti ħafna li l-persuni b'diżabilità intellettwali jitgħallmu dwar l-għajxien indipendenti. Rigward li jgħixu koppji flimkien, hu importanti li jkun hemm l-edukazzjoni sesswali. Jistgħu jgħixu flimkien ġuvintur u tfajliet imma jridu jitgħallmu kif jgħixu flimkien.

***4) Joe Camilleri (KNPD)***
Qabel kien skandaluż li persuni b'diżabilità fiżika jiżżewġu imma issa dan ġie aċċettat. Issa qegħdin f'dak l-istadju għall-persuni b'diżabilità intellettwali.

***5) Grace Bonello (Ġenitur)***
Fis-sistema Franċiża, il-persuni jgħixu fi blokk *flats* biex il-*careworker* tlaħħaq ma' kulħadd. Jgħixu flimkien tnejn f'kull *flat*. Tajjeb li naraw sistemi li jintużaw barra minn Malta.

***6) Joe Camilleri (KNPD)***
Irridu naddattaw is-sistema skond il-pajjiż. Li persuni b'diżabilità jkunu kollha fi blokk wieħed, ifisser li jistgħu jinqatgħu għalihom.

***7) Fred Bezzina (KNPD)***
Is-servizzi residenzjali, fi ħdan l-Aġenzija Sapport, joffru dan it-tip ta' *flats*. Ftit ftit dawn l-affarijiet qed jidħlu anke f'Malta.

Irid ikun hawn spektru ta' servizzi differenti biex tilħaq il-bżonnijiet differenti tal-persuni kollha. Hemm min għandu bżonn ftit sapport biex jibqa' mal-familja, hemm min għandu bżonn jgħix fi djar fil-komunità fejn ikollu sapport kontinwu. Imma hemm ukoll min hu kapaċi jgħix waħdu, bi ftit sapport.

***8) Vince Tonna (Ċentri ta' Matul il-Jum)***
Ir-rapport hu tajjeb ħafna. L-aktar punti importanti huma li l-persuni b'diżabilità jridu jsibu sapport fejn hemm bżonn. Importanti li min imexxi ċ-ċentri u anke l-ġenituri jisimgħu x'għandhom xi jgħidu l-persuni b'diżabilità intellettwali billi jattendu laqgħat bħal dawn. Kif nistgħu nagħtu sapport lil dawn il-persuni jekk ma nisimgħux xi jridu? Per eżempju, fit-tranżizzjoni taċ-Ċentri għal mal-Fondazzjoni, qegħdin nisimgħu x'għandhom xi jgħidu l-persuni u l-ġenituri tagħhom?

Punt ieħor importanti hu li l-persuni b'diżabilità intellettwali għandhom jitħalltu fis-soċjetà. F'dan ir-rigward, it-trasport hu importanti ħafna.

Fejn tidħol aċċessibilità għall-informazzjoni, waqt il-laqgħat tal-grupp tas-*self-advocacy* il-persuni b'diżabilità intellettwali għandhom jitgħallmu dwar is-sehem tal-*careworkers* biex ikunu jafu x'inhuma d-dmirijiet tagħhom. U din l-informazzjoni trid issir aċċessibbli għalihom.

***9) Joseph Grima***
***(Ċentru tar-Riżorsi, Bormla)***
Jien inħobb l-istaff taċ-ċentru u nieħu gost inpinġi. Aħna noqogħdu kwieti u noqogħdu bil-għaqal.

***10) Joe Camilleri (KNPD)***
Hi xi ħaġa sabiħa li nuru l-apprezzament lin-nies li jgħinuna. Joseph semma' li noqogħdu kwieti u bil-għaqal. Imma s-*self-advocacy* tgħallmek ma tkunx kwiet għax hekk l-affarijiet ma jinbidlux.

***11) Tania Scopazzi (Ġenitur)***
It-tifla tiegħi fi ftit snin probabbli se tidħol f'ċentru u ninkwieta li ċerti affarijiet ma nbidlux. Lil uliedna ma rridux li jmorru ċ-ċentru biss għall-*babysitting* imma li jibqgħu jikbru u jitgħallmu.

Nissuġġerixxi li jkun hemm kumitat li jkun magħmul minn ġenituri, persuni b'diżabilità intellettwali u dawk li għandhom x'jaqsmu maċ-ċentri biex jimpjegaw spetturi li jaraw li qed isir xogħol tajjeb.

***12) Fred Bezzina (KNPD)***
Is-*self-advocacy* hi importanti fl-iskejjel ukoll. Il-kapijiet ta' l-iskejjel u l-għalliema ukoll għandhom jisimgħu lill-istudenti b'diżabilità intellettwali f'laqgħat bħal dawn.

***13) Joe Camilleri (KNPD)***
Kien hemm min ta l-kontribut tiegħu f'laqgħat oħra. Imma hemm ukoll min ma tax kas tal-proċess. U dan mhux tajjeb speċjalment minn dawk li għandhom pożizzjonijiet maniġerjali. Is-*self-advocacy* trid tibda minn kullimkien - fid-dar, fl-iskola.

***14) Helen Briffa***
***(Ċentru ta' Matul il-Jum, l-Imtarfa)***
Fiċ-ċentri ta' matul il-jum, il-klijenti jagħmlu attivitajiet differenti u nistgħu ngħidu li jsir xogħol differenti.

***15) Joe Camilleri (KNPD)***
Tajjeb li niftakru li meta bdew iċ-ċentri, kellhom riżorsi limitati ħafna u l-bidla ma tistax issir f'daqqa.

***16) Mary Grace Roberts***
***(Ċentru ta' Matul il-Jum, Wied il-Għajn)***

Jien inqatta' ħafna ħin mal-persuni b'diżabilità. Inħobb nismagħhom meta jkunu jridu jiftħu qalbhom miegħi u fejn hu possibbli nnaqqsu dak li jdejjaqhom. Li tipprova u tagħmel l-aħjar li tista' hi l-aħjar ħaġa li tista' tagħmel.

Meta jkollhom għan li jaħdmu għalih u li jistgħu jilħquh, huma għanijiet li jilħqu u naraw ħafna riżultati.

***17) Joe Camilleri (KNPD)***
Dan jorbot mal-punt li jekk titkellem mal-persuni b'diżabilità dwar dawn l-għanijiet u tinnegozja magħhom u tidħol bi sħab fuq livell ugwali, ikun hemm riżultati tajbin.

***18) Omar Jelassi (Grupp Flimkien Naslu)***
Ix-xogħol hu l-aktar ħaġa importanti għall-persuni b'diżabilità. Hemm xi ċans li l-liġi tat-2% ninfurzawha?

***19) Joe Camilleri (KNPD)***
Nissuġġerixxi li l-Grupp Flimkien Naslu jitlob laqgħa ma' l-ETC biex jgħidulhom x'jixtiequ.

***20) Marthese Mugliette (Assoċjazzjoni Down Syndrome)***
Importanti li nisimgħu lill-ġenituri flimkien mal-persuni b'diżabilità intellettwali.

Naqbel li l-*heads* ta' l-iskejjel u l-ATCs kellhom jiġu hawn għax inkella kif se jisimgħu lill-persuni b'diżabilità intellettwali?

***21) Brian Micallef (Dar tal-Providenza)***
Jien naqbel ma' sħabi. U nixtieq li ma jaqtgħux qalbhom u jagħmlu kuraġġ. U anke l-istaff - ma jaqtgħux qalbhom u jien lest biex ngħinhom.

***22) Sergio Scopazzi (Ġenitur)***
It-tfal tagħna għandhom bżonn stabbilità finanzjarja. Jekk ma jkollhomx din, is-*self-advcocacy* ma tistax timxi 'l quddiem.

Jekk huma ma jistgħux jieħdu ħsieb tal-finanzi tagħhom, il-*Guardianship Act* tista' tgħin. Iżda jekk se tkun ikkumplikata ħafna, mhix se tgħin daqshekk għax tkun diffiċli biex in-nies jifhmuha u jużawha.

***23) Joe Camilleri (KNPD)***
Il-liġi trid tinkiteb f'ċertu lingwaġġ iżda l-gvern għandu d-dover li mbagħad ifiehem il-liġi b'mod faċli li tifhem.

Is-*self-advocacy* hi ħolqa waħda f'katina twila - hemm ukoll l-edukazzjoni, l-għajxien indipendenti, it-trasport. Irridu naħdmu flimkien biex nirranġaw dawn l-affarijiet. Irridu wkoll inbiddlu l-mentalità speċjalment ta' dawk li huma komdi dwar l-affarijiet kif inhuma.

***24) Paul Schembri (*Speech therapist*)***
Nemmen li l-persuni b'diżabilità intellettwali jsemmgħu leħinhom u jgħidu dak li jħossu.

Ir-rwol tagħna l-*ispeech therapists* fil-gruppi tas-*self-advocacy* mhux li mmexxuhom imma li naraw li l-klijenti jkunu kapaċi jikkomunikaw.

***25) Alison Bonello (Persuna b'Diżabilità)***
Nixtieq li jkun hemm aktar trasport biex noħroġ ma' ġuvintur u tfajliet oħra. Għax dawn iqumu l-flus u ma nistax inħallas jien.

***26) Grace Bonello (Ġenitur)***
Nissuġġerixxi li jkun hemm *passes* għall-karozzi tal-linja għall-persuni b'diżabilità.

***Konklużjoni (Joe Camilleri)***

Ħarġu diversi punti importanti f'dan is-seminar. Dan is-seminar hu l-għeluq tal-bidu. Il-proċess tas-*self-advocacy* għadu jibda. Dawk li diġà qed jaħdmu biex dan il-proċess ikompli, għandhom jibqgħu sejrin b'dan ix-xogħol.

Prosit lill-gruppi tas-*self-advocacy*. Dawn għandhom jagħmlu laqgħat ma' nies importanti biex isemmgħu leħinhom anke ma' dawn. Dan ma jfissirx li nisimgħu lilhom biss, iżda l-ġenituri għandhom ħafna opportunitajiet biex jinstema' leħinhom.

Dan il-proċess mhux faċli. Hemm ħafna battalji li jridu jintrebħu. Imma b'kuraġġ nistgħu naslu flimkien, jekk niġbdu ħabel wieħed u, bħal ma qal Brian, ikollna kuraġġ.

## 7. Entitajiet li ħadu sehem

F'dan il-proċess, ħadu sehem għadd kbir ta' persuni b'diżabilità intellettwali li jużaw is-servizzi ta' l-entitajiet imsemmija hawn taħt, membri tal-familji tagħhom u staff li jaħdmu magħhom:

- Aġenzija Sapport
- Assoċjazzjoni tas-Saħħa Mentali
- Ċentru ta' Matul il-Jum ta' Għajnsielem
- Ċentru ta' Matul il-Jum ta' Ħal Far
- Ċentru ta' Matul il-Jum ta' l-Imtarfa
- Ċentru ta' Matul il-Jum ta' Santa Venera
- Ċentru ta' Matul il-Jum ta' Wied il-Għajn
- Ċentru tar-Riżorsi tal-Kottonera
- Ċentru tar-Riżorsi ta' l-Imtarfa
- Ċentru tar-Riżorsi tas-Swatar
- Dar tal-Providenza
- Day Services Development Unit
- Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni
- Down Syndrome Association
- Fondazzjoni Eden
- Fondazzjoni Nazareth
- Liċeo Ninu Cremona, ir-Rabat, Għawdex
- Liċeo tal-Bniet Carlo Diacono, iż-Żejtun
- Moviment Favur id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità
- Razzett tal-Ħbiberija
- Skola Guardian Angel, il-Ħamrun
- Skola Helen Keller, il-Qrendi
- Skola Primarja Birżebbuġa A
- Skola Primarja Dr Frans Chetcuti, Ħaż-Żabbar
- Skola Primarja Dun Ġorġ Preca, il-Ħamrun
- Skola Primarja Dun Salv Portelli, San Lawrenz
- Skola Primarja Ġużè Muscat Azzopardi, Ħal Qormi
- Skola Primarja Ġużeppa Deguara, Marsaxlokk
- Skola Primarja Ġużeppi Agius, Paola
- Skola Primarja Maria Bambina, il-Mellieħa
- Skola Primarja Mons Salvu Vella, in-Nadur
- Skola Primarja ta' l-Imqabba
- Skola Primarja Patri Feliċ Sammut, San Pawl il-Baħar
- Skola Primarja Patri Manwel Gatt, Santa Venera
- Skola Primarja Rosa Magro, ix-Xewkija
- Skola Primarja San Ġorġ, Ħal Qormi
- Skola Primarja Sir Arturo Mercieca, ir-Rabat, Għawdex
- Skola San Miguel Febres Cordero, Pembroke
- Skola Sekondarja G.F. Agius De Soldanis, ir-Rabat, Għawdex
- Skola Sekondarja Kan. Pawl Pullicino, ir-Rabat, Malta
- Skola Sekondarja Maria Assunta, il-Ħamrun
- Skola Sekondarja Vincenzo Bugeja, Santa Venera

Ħajr lil dawn l-entitajiet li aċċettaw li jsiru l-laqgħat fil-bini tagħhom:
- Ċentru Ħidma Soċjali
- Ċentru ta' Matul il-Jum ta' Santa Venera
- Liċeo Ninu Cremona, ir-Rabat, Għawdex
- Skola Guardian Angel, il-Ħamrun.